- *Ordni loġiko-ġuridiku li fih għandhom jiġu mressqin l-eċċezzjonijiet:*
*(1) Id-deklinatorji (2) in-nullitajiet (perentorji tal-forma) (3) id-dilatorji (4) perentorji tal-azzjoni*
- *Ġurisdizzjoni residwali ex – Art469A(4) kap 12*
- *Rimedju alternattiv*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 22 t'Ottubru, 2019.**

**Rikors Nru. 52/18GM**

**Mary Doris Caruana (ID 506144 M) kif ukoll Maria Theresa Caruana Saydon (ID 461475 M), u l-Avukat Dr Ausonia Vancell (ID 321072 M) f'isimhom personali u għan-nom ta' Lawrence Caruana (ID 398573 M), preżentement assenti minn Malta, kif debitament awtorizzati.**

*vs*

**(1) Awtorita' tal-Ippjanar**

**(2) Victor Baldacchino 519963 (M)**
**(3) Emmanuel Mifsud 916648 (M)**
**(4) Paul Cardona 200545 (M)**
**(5) Michael Axisa 931647 (M)**
**(6) Joseph Gaffarena 1040944 (M)**
**(7) Vincenza Caruana 216622(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi wara li stqarru:

1. Illi r-rikorrenti huma komproprjetarji ta' biċċa art li tinsab ġewwa Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, ġewwa l-Imqabba, kif murija aħjar fis-*site plan* annessa (Dok **SV 1**). Huma wirtu l-imsemmija art mingħand Nazzareno Caruana, li miet fil-ħmistax (15) ta' Gunju, 2015, u li kien jiġi r-raġel ta' Mary Doris Caruana u missier ir-rikorrenti l-oħra;

2. Illi matul il-proċess sabiex titħallas it-taxxa relatata mal-*causa mortis* wara l-mewt tal-imsemmi Nazzareno Caruana, ir-rikorrenti inkarigaw lill-Perit Michael Camilleri sabiex jipprepara l-istejjem neċessarji għall-ħlas tat-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti;

3. Illi waqt dan il-proċess, saru jafu tramite r-riċerki tal-perit imsemmi illi fuq biċċa art akbar li kienet tinkludi fost l-oħrajn il-*plot* li wirtu r-rikorrenti, kienet ġiet sottomessa *Planning Control Application* bin-numru PC 21/14 (Dettalji annessi : Dok **SV 2**) minn ċertu Victor Baldacchino f'ismu u f'isem sidien oħra ta' plots fl-istess akkwati;

4. Illi fil-qosor, l-iskop ta' applikazzjoni bħal din hija li twassal sabiex l-Awtorita' tal-Ippjanar tistabbilixxi, għal xi sit partikolari, ċerti parametri li jiddeterminaw u jirregolaw żviluppi sussegwenti, ngħidu aħna l-linji tat-toroq u l-għoli massimu ta' żvilupp f'dawk l-inħawi;

5. Illi appena il-perit informa lir-rikorrenti dwar il-*planning control application* li kienet tolqot il-*plot* tagħhom, l-istess rikorrenti kkuntattjaw lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jottjenu iżjed tagħrif dwar din l-applikazzjoni;

6. Illi rriżulta lir-rikorrenti illi permezz ta' din l-applikazzjoni, numru ta' sidien tal-art (art formanti parti minn din l-applikazzjoni immarkata bl-aħmar u murija fuq id-dokument anness u mmarkat bhala Dok **SV3** (pdf - Site Plan) issottomettew talba lill-Awtorita' tal-Ippjanar, sabiex jinħareġ permess għall-izvilupp ta' din l-istess art kif fuq spjegat; Inoltre, irriżulta illi l-iżvilupp kif propost kien sejjer joħloq preġudizzju serju għad-drittijiet ta' proprjeta' tar-rikorrenti. B'rabta ma' dan, ir-rikorrenti jispjegaw illi l-*plot* tagħhom tinsab f'kantuniera b'dan illi tikkonfina min-naħa l-waħda ma' żona *ODZ* u min-naħa l-oħra ma' triq pubbloika (Triq il-Konvoj ta' Santa Marija). Il-parametri ta' żvilupp kif propost mill-applikanti, jew mill-perit f'isimhom, filwaqt illi kien jimmassimiżża l-potenzjal tal-iżvilupp tal-proprjeta tal-applikanti u jipprovdilhom aċċess komdu, kien sejjer iwassal għal limitazzjonijiet serji fuq l-iżvilupp li seta' jsir fuq il-*plot* tar-rikorrenti; Dan kien se jwassal għalhekk għal sitwazzjoni diskriminatorja u preġudizzjevoli għad-drittijiet ta' proprjeta' tar-rikorrenti;

7. Illi wara li r-rikorrenti ressqu lill-Awtorita' intimata prova tat-titolu tagħhom fuq l-art, is-sur Frankie Farrugia, l-uffiċċjal fi ħdan l-Awtorita'

intimata inkarigat minn din l-applikazzjoni, ta l-parir li jiġu kkuntatjati kemm il-perit li issottometta l-applikazzjoni għan-nom ta' xi sidien tal-biċċa art, kif ukoll lill-Awtorita tat-Trasport f'Malta peress li l-Awtorita' Għat-Trasport f'Malta kienet ukoll qiegħda teżiġi ċerti rekwiżiti li kienu jillimitaw l-iżvilupp tal-*plot* tar-rikorrenti;

8. Illi r-rikorrenti jirrilevaw li l-proposta tal-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta, ġiet fil-frattemp solvuta;

*9.* Illi mhux hekk jista' jingħad pero' fir-rigward tal-applikanti, u ċjoe' l-intimati Victor Baldacchino *et;*

10. Illi kemm hu hekk, nonostante li saru diversi tentattivi sabiex il-perit jirrikonsidra l-applikazzjoni kif sottomessa u jvarja b'tali mod li jonqos il-preġudizzju għar-rikorrenti, dan baqa' m'għamlux;

11. Illi r-rikorrenti saħansitra għamlu proposti u suġġerimenti li kienu aċċettabbli għalihom u li setgħu ikunu wkoll raġjonevoli għall-applikanti – ngħidu aħna illi jiġi varjat il-passaġġ wiesgħa tlett (3) metri kif propost mill-applikanti li parti minnu kellu l-effett li ma jħallix l-iżvilupp tal-plot tar-rikorrenti fl-intier tiegħu, (immarkat bil-kulur isfar car u immarkata bħala 3m Public Pedestrian Passagehekk kif muri id-dokument mmarkat bħala Dok **B** - Proposed Scheme – u anness mal-faxxikolu SV 4 imsemmi iżjed 'il quddiem); Madanakollu, il-perit irrifjuta illi jissottometti tali talbiet. Iffaċċjati minn dan in-nuqqas ta' kollaborazzjoni, fi Frar tal-2016, ir-rikorrenti issottomettew huma stess ittra lill-Awtorita tal-Ippjanar li permezz tagħha talbuha sabiex tikkunsidra it-talbiet u l-proposti tagħhom u dan sabiex, jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, tal-anqas id-drittijiet tagħhom ma jiġux daqshekk ippreġudikati (ittra u dokumenti annessi u

mmarkati bħala Dok **SV4** u d-dokumenti annessi immarkati bħala Dok A – F);

12. Illi dan nonostante, l-Awtorita' fil-laqgħa tas-sbatax (17) ta' Lulju, 2017, approvat l-applikazzjoni kif saret mill-applikanti, inkluż bil-passaġġ propost ta' tlett metri;

13. Illi għar-raġunijiet ġja spjegati, dan iwassal għal sitwazzjoni fejn id-drittijiet tar-rikorrenti qed jiġu affetwati, inkluż id-drittijiet tagħhom ta' tgawdija paċifika ta' proprjeta' kif sanċiti u protetti kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni;

14. Illi barra minn hekk, id-deċiżjoni tal-Awtorita' twassal ukoll għal sitwazzjoni diskriminatorja fis-sens illi l-*plots* tal-applikanti – u ċjoe l-intimati Victor Baldacchino *et* – jistgħu jiġu żviluppati mingħajr xkiel, filwaqt illi l-plot tar-rikorrenti ġew imposti fuqha limitazzjonijiet serji illi jirriduċu serjament il-valur tagħha; Dan meta, bi ftit ħsieb, l-applikazzjoni setgħet faċilment tiġi approvata b'emendi li jissalvagwardjaw ugwalment id-drittijiet tal-partijiet kollha interessati;

15. Illi huwa għalhekk sottomess illi hemm lok illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimati, kif meħuda fis-17 ta' Lulju, 2017 tiġi revokata u dan, *inter alia* iżda mhux biss, ai termini tal-Artiklu 469A(1)(a) u (b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

16. Illi fin-nuqqas huwa sottomess illi r-rikorrenti ħaqqhom kumpens mingħand il-konvenuti u dan stante illi huma qegħdin indebitament igawdu minn żieda fil-valur tal-proprjeta' tagħhom a skapitu tal-valur tal-proprjeta' tar-rikorrenti;

17. Illi dan ġie edott f'ittra uffiċjali ntavolata nhar il-5 ta' Jannar, 2018 (kopja eżebita bħala Dok SV 5)

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' intimata nhar is-17 ta' Lulju, 2017 jistħoqqilha illi tiġi revokata, *inter alia* iżda ai termini tal-Artiklu 469A(1)(a) u (b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Konsegwentement, tordna r-revoka tad-deċiżjoni msemmija;

(iii) Fi kwalunkwe każ, tiddikjara illi d-deċiżjoni msemmija tas-17 ta' Lulju, 2017 ikkawżat danni lir-rikorrenti;

(iv) Tillikwida d-danni hekk sofferti, jekk meħtieġ bl-għajnuna ta' periti *nominandi*;

(v) Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Awtorita` tal-Ippjanar;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Victor Baldacchino, Emanuel Mifsud, Paul Cardona, Michael Axisa u Joseph Gaffarena;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat li l-Qorti, kif diversament ippreseduta, ordnat, fl-udjenza tal-10 t'April 2018, li qabel kull ħaġa oħra ssir it-trattazzjoni dwar it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorita` konvenuta u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti l-oħrajn;

Illi l-eċċezzjonijiet imsemmija tal-Awtorita` huma dawn:

> "3. Preliminarjament ukoll, l-Awtorita' eċċipjenti ma tistax, u m'ghandiex, twiġeb għat-talbiet attriċi billi d-deċizjoni dwar l-

applikazzjoni PC numru 21/14, li tagħha qed jintalab it-tħassir, ma tteħditx mill-Awtorita' tal-Ippjanar izda mill-Ministru konċernat, li m'huwiex parti f'dawn il-proċeduri[1]. Għaldaqstant l-Awtorita' eċċipjenti m'hijiex il-leġittima kontradittriċi f'din il-kawza u għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

"4. Illi subordinatament, mingħajr assolutament ebda ħsara għall-premess, dina l-Onorabbli Qorti hi eżawtorata milli tistħarreġ u tiddeċiedi dwar il-mertu tat-talbiet attriċi, billi s-subinċiz (5) tal-Artikolu 54 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi mezz xieraq ta' rimedju għal dak lamentat mill-atturi f'din il-kawza tagħhom. B'hekk l-azzjoni attriċi, in kwantu diretta fil-konfront tal-Awtorita' eċċipjenti, hi legalment inammissibbli u improponibbli, u dan skont dak provdut fis-subinċiż (4) tal-Artikolu 469A tal-Ligijiet ta' Malta.

"5. Illi dejjem bla ħsara għall-eċċezzjonijiet preċedenti, l-karenza tal-interess ġudiriku tal-atturi li jressqu, u jmexxu 'l quddiem, din l-azzjoni tagħhom fil-konfront tal-Awtorita' tal-Ippjanar stante in-nuqqas tal-istess atturi li jirreġistraw l-interess tagħhom fil-proċess tal-PC *application* mertu ta' dan il-kaz fiz-zmien stabbilit bil-liġi għal dan il-għan[2]";

Illi t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti l-oħrajn hija din:

"2. ... it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, stante li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' din il-kawza u dan a tenur tas-sub artikolu (4) ta' l-artikolu 469A tal-kap 12...";

Rat li fl-istess udjenza, l-Qorti ordnat lill-konvenuti l-oħrajn jindikaw permezz ta' nota fi żmien ħmistax-il jum liema huwa jew huma r-rimedji l-oħrajn mogħtija lill-atturi mil-liġi għall-finijiet tal-imsemmija eċċezzjoni;

---

[1] Ara r-regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 552.07, kif ukoll l-Artikoli 59(4)(b); 59(6)(b) u 49(4) u (5) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta.
[2] Ara l-Artikolu 59(6)(b) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-istess konvenuti naqsu milli jottemperaw ruħhom ma’ din l-ordni;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tal-25 ta’ Ġunju 2019;

Rat li f’dik is-seduta, il-kawża ġiet imħollija għallum fil-10.00 a.m. għas-sentenza fuq l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija, iġifieri t-tielet, ir-raba’ u l-ħames eċċezzjonijiet tal-Awtorita` tal-Ippjanar u fuq it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti l-oħrajn;

Ikkunsidrat:

Illi kull eċċezzjoni għandha tiġi ppreżentata mill-konvenut f’ordni loġiko-ġuridiku, għaliex altrimenti jkun hemm il-periklu li l-eċċipjent hu u jagħmel eċċezzjoni, jiddekadi minn oħra jew oħrajn. Bl-istess mod anke l-Qorti, waqt il-pronunzjament tas-sentenza, għandha tiddisponi mill-eċċezzjonijiet fl-istess ordni. Fil-każ preżenti, minkejja li l-eċċezzjonijiet *de quo agitur* huma lkoll “preliminari”, l-istess ordni għandu jitħares bejniethom ukoll;

Illi fi trattat ferm limpidu, anke jekk miktub kważi zewġ sekli ilu, **Goubeau,** hu tal-fehma li, bħala regola ġenerali (għaliex hemm eċċezzjonijiet mogħtija mil-liġi nnifisha):

> “E’ necessario proporre prima le declinatorie, o *remissioni*; indi le perentorie della forma, o le *nullita*`; in terzo luogo le dilatorie; infine le perentorie di azione: altrimente, se si opponesse una eccezione perentoria di forma, si resterebbe escluso dal proporre le eccezioni declinatorie; ugualmente, se si opponesse una eccezione dilatoria, si resterebbe escluso dal proporre e le declinatorie, e le eccezioni di *nullita*` che hanno rapporto alla forma. Finalmente, se si proponesse una eccezione perentoria relativa all’azione, si resterebbe inammissibile ad opporre le tre altre precedenti eccezioni”[3];

[3] Goubeau, *Trattato delle Eccezioni in Materia di Procedura Civile, versione italiana di Angelo Lanzelotti livellata sulle leggi delle Due Sicilie,* Vol 1, paġna 6, Napoli 1827

Illi konformement mal-premess, il-konvenuti kellhom, qabel kull eċċezzjoni oħra, jressqu l-Awtorita` r-raba' u l-konvenuti l-oħrajn it-tieni eċċezzjoni tagħhom. Dan għaliex jekk din il-Qorti mhix kompetenti tisma' l-kawża, lanqas tista' tindaga dwar l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn, ċjoe` jekk l-atturi għandhomx interess ġuridiku (il-ħames eċċezzjoni tal-Awtorita`) jew jekk l-Awtorita` hix leġittimu kontradittur (it-tielet eċċezzjoni tal-Awtorita`) u lanqas jekk l-atturi għandhomx titolu fuq il-proprjeta` (l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita`; mhix ikkunsidrata f'dan l-istadju) u jekk l-atturi għandhomx il-prokura ta' attur li jinstab barra minn Malta (it-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita`; mhix ikkunsidrata f'dan l-istadju); jew jekk il-konvenuti l-oħrajn humiex leġittimi kontradittturi (l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti l-oħrajn; mhix ikkunsidrata f'dan l-istadju). Fl-istess ordni loġiku-ġuridiku, jekk tiġi sorvolata l-eċċezzjoni deklinatorja, l-ewwel trid tiġi trattata l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku imbagħad l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-konvenuti;

***Ġurisdizzjoni residwali ex-Art. 469A(4) Kap 12:***

Illi skont Art. 469A(4), *'id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomcx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra'*;

Illi l-Awtorita` konvenuta, fir-raba' eċċezzjoni tagħha, tiċċita bħala l-mezz xieraq ta' rimedju għal dak lamentat mill-atturi f'din il-kawza tagħhom **is-subinċiz (5) tal-Artikolu 54 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jaqra hekk:

> "Il-Kunsill Eżekuttiv jista', fuq talba minn kull persuna, b'deċiżjoni jirrevoka jew jimmodifika deċiżjoni li tirrigwarda applikazzjoni għall-kontroll tal-ippjanar relatata mas-subartikolu (2) u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 80 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dik it-talba."

Illi bħala fatti jirriżulta li l-applikazzjoni saret fis-sena 2014. Fit-23.09.2014 ħarġet *site-notice* u dakinhar stess twaħħlet fuq il-post. Fiha kien mogħti terminu bejn 27.09.2014 sat-08.11.2014 biex kull min ried, seta' joġġezzjona għall-applikazzjoni. L-applikazzjoni ġiet ukoll ippubblikata fil-Malta Independent tas-27.09.2014, kif ukoll kienet disponibbli fuq il-websajt tal-Awtorita` tal-Ippjanar. L-atturi m'oġġezzjonawx;

Illi l-ewwel nuqqas tal-atturi (jew aħjar tal-persuna li tagħha huma l-werrieta) kien li ma rreġistratx l-oġġezzjoni tagħha fil-perjodu indikat fis-*site notice.* Imbagħad it-tieni nuqqas kien tal-atturi nfushom kien li naqsu li joġġezzjonaw għad-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-MEPA – kif setgħu jagħmlu minkejja li d-*dante* causa tagħhom ma kienx irreġistra bħala *third party objector* fit-terminu mpost fis-site notice. Illi f'dan il-każ partikolari, l-atturi ma jallegaw l-ebda xkiel jew nuqqas kommess mill-Awtorita` konvenuta, imma jsostnu li ma ndunawx bil-pubbliċita` li din l-Awtorita` għamlet skont il-liġi għaliex kienu għadhom kif wirtu l-proprjeta` in kwistjoni. Din il-Qorti ma tistax taċċetta li b'daqshekk l-atturi ma kellhomx rimedju alternattiv disponibbli;

Illi ġie ritenut minn din il-Qorti, diversament ippreseduta, in re: **Garden of Eden Garage Limited (C-17528) v Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta**[4]:

> "Illi ladarba l-artikolu 469A(4) huwa eċċezzjoni għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġa' ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għamil amministrattiv għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju fejjiedi u xieraq disponibbli

[4] 29 ta' Settembru 2011, ikkonfermata fl-Appell fis-26.06.2015

għaliha u hija **naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba**[5];

"Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għamil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għamil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[6]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal- azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad ukoll li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna **naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;**

"Illi m'għandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternativ taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna **mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha,** ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-Qorti tistħarreġ l-għamil amministrativ li minnu tilminta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju[7]. Diġa' ngħad li t-tħaddim tal-artikolu 469A(4) bħala eċċezzjoni għar-regola għandu jsir meta tassew li kien hemm disponibbli rimedju effettiv u li l-parti **tkun naqset bla raġuni tajba milli tinqeda bih**";

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Ltd. et.**[8] iċċitata fis-sentenza tal-***Garden of Eden Garage*** in sostenn tal-propożizzjoni tal-inklużjoni tal-kompetenza meta l-attur ma jkunx uża r-rimedju alternattiv, is-*site notice* twaħħlet irregolarment u l-atturi ma setgħux jarawha. Il-Qorti ċaħdet l-allegazzjoni tagħhom li b'daqshekk ġew f'impossibilita` li jeżerċitaw ir-rimedju alternattiv, anke għaliex saret tajjeb il-pubblikazzjoni:

"Madanakollu il-Qorti tifhem li jekk ir-rimedju mogħti minn Liġi ma jkunx disponibbli **għal xi raguni li mhiex fill-kontroll tal-parti interessata,** l-Artikolu 469A għandu japplika.

[5] App. Ċiv. 6.5.1998 fil-kawża fl-ismijiet Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et (mhix pubblikata) u App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar (Kollez. Vol: LXXXV.ii.943)

[6] P.A. PS 28.1.2004 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Muscat et vs Chairman tal- Awtorita' tad-Djar et

[7] Prim'Awla, per Onor. Imħ. Geoffrey Valenzia 29.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Ltd. et.

[8] *ibid.*

"In sostenn ta' dan il-Qorti tagħmel referenza għas- sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Limited - vs - Paul Gauci et*** (App deciza 6/5/1998) fejn gie ritenut li *"l-eskluzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti, biex tistħarreg l-għemil amministrattiv, tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-prattika persuna kellha rimedju effikaċi u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irraġjonevolment ma utilizzatx tali proċeduri disponibbli.*" (sottolinear tal-Qorti).

"Jekk l-atturi jipprovaw li huma ma utilizzawx ir-rimedju mogħti lilhom mill-Kap. 356 għal raguni valida allura r- rimedju taħt l-Artikolu 469A ikun disponibbli.

"Fl-aħħar mill-aħħar, din hija kwistjoni ta' provi u ta' interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap. 356, fis-sens li jrid jirriżulta li l-atturi kellhom raġuni tajba biex ma jutilizzawx ir-rimedju mogħti lilhom taht l-artikolu 469A";

Illi d-disposizzjoni tal-liġi in kwistjoni teskludi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti biss *"meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra"*. Din il-Qorti taqbel li l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha li tissindika l-operat tal-organi amministrattivi tal-Istat għandha tiġi nterpretata b'mod restrittiv. B'mod partikolari, ir-rimedju alternattiv irid ikun **tabilħaqq** disponibbli, li ma jkunx il-każ jekk minħabba l-aġir tal-awtoritajiet infushom, dan ma jkunx il-każ. B'danakollu, l-interpretazzjoni tal-liġi, dejqa kemm tkun dejqa, ma tista' qatt tmur lil hinn mil-liġi, b'mod li toħloq norma mhux ikkontemplata fl-istess liġi. Il-liġi teskludi l-ġurisdizzjoni jekk hi stess tipprovdi rimedju alternattiv. Isegwi li r-rimedju tal-istħarriġ ġudizzjarju m'għandux jitneħħa jekk ir-rimedju alternattiv jisfa mxekkel mill-Amministrazzjoni. Min-naħa l-oħra, jekk l-attur jonqos, għal raġuni mhux imputabbli għall-amministrazzjoni, li juża' l-istrumenti oriġinali li l-liġi tkun poġġiet għad-disposizzjoni tiegħu, il-piż ikun fuqu biex jipprova li m'użax ir-rimedji disponibbli għal raġunijiet tabilħaqq lil hinn mil-kontroll tiegħu. Prova li l-atturi ma ressqux f'dan il-każ;

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' r-raba eċċezzjoni tal-Awtorita` konvenuta u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti l-oħrajn u tiddikjara n-nuqqas ta' kompetenza tagħha billi l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar l-att amministrattiv partikolari mitlub mill-atturi huwa pprovdut dwaru f'liġi oħra u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u tal-ħames eċċezzjonijiet preliminari tal-istess Awtorita`.

Bl-ispejjeż a kariku tal-atturi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA